**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**MAGISTRAT DR.GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elton Taliana)**

**Vs**

**Fisel Mofth Abusnina**

**Illum 19 ta' Ottubru 2015**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront ta' Fisel Mofth Abusnina ta' tnejn u tletin (32) sena, bin Muftah u Mabruka, imwieled Tripoli, Libja, fit-8 ta' Marzu 1983, residenti Rm.2, Centru Miftuh, Hal Far u detentur tan-Numru tal-Pulizija 14919-13, talli fis-16 ta' Ottubru 2015 ghall-habta tas-saghtejn u nofs ta' filghodu (02:30hrs) minn gewwa Triq Santa Rita, San Giljan:-

1. Ikkommetta serq ta' mobile Samsung Galaxy S5 ghad-dannu ta' Olga Lutova, liema serq huwa aggravat bil-"hin" u bil-"valur" li jiswa iktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux izjed minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37);
2. Aktar talli kkommetta reat waqt li kien taht sentenza sospiza, liema sentenza inghatat mill-Qorti tal-Magistrati Malta presjeduta mill-Magistrat Dr. Doreen Clarke, LL.D., nhar l-10 ta' Gunju 2015 kontra Fisel Mofth Abusnina, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex l-Qorti tittratta lill-imputat bhala recidiv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, meta huwa kien gie misjub hati u kkundannat ghal reati b'sentenzi ta' reati Maltin, liema sentenzi saru definittivi;

Rat l-ezami ta' l-imputat fejn wiegeb li huwa hati ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, liema ammissjoni giet minnu kkonfermata wara li l-Qorti a

tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni w ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni ossia Dikjarazzjoni – Rinunzja ghad-dritt ta' parir Legali ma' Avukat Dok. "A", Asylum Seekers' Document Dok. "B", stqarrija rilaxxata mill-imputat Dok. "C", fedina penali ta' l-imputat Dok. "D", sentenza pronuncjata mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-10 ta' Gunju 2015 fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Fisel Mofth Abusnina" Dok. "E" u Police Incident Report Dok. "F";

Semghet is-sottomissjonijiet dwar il-piena;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jigi akkuzat talli fis-16 ta' Ottubru 2015 ghall-habta tas-saghtejn u nofs ta' filghodu (02:30hrs) minn gewwa Triq Santa Rita, San Giljan:- (1) Ikkommetta serq ta' mobile Samsung Galaxy S5 ghad-dannu ta' Olga Lutova, liema serq huwa aggravat bil-"hin" u bil-"valur" li jiswa iktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux izjed minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37); u (2) Aktar talli kkommetta reat waqt li kien taht sentenza sospiza, liema sentenza inghatat mill-Qorti tal-Magistrati Malta presjeduta mill-Magistrat Dr. Doreen Clarke, LL.D., nhar l-10 ta' Gunju 2015 kontra Fisel Mofth Abusnina, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Prosekuzzjoni titlob li l-Qorti tittratta lill-imputat bhala recidiv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, meta huwa kien gie misjub hati u kkundannat ghal reati b'sentenzi ta' reati Maltin, liema sentenzi saru definittivi.

L-imputat wiegeb li huwa hati ta' l-akkuzi dedotti kontra tieghu.

Fid-dawl ta' tali ammissjoni l-Qorti ssib lill-imputati hati kemm ta' l-ewwel akkuza kif ukoll tat-tieni akkuza dedotti fil-konfront tieghu u ssib ukoll li huwa recidiv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt li l-imputat mill-gdid wettaq reat waqt it-terminu operattiv ta' sentenza sospiza, liema terminu già kien gie estiz minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Fisel Mofth Abusnina" deciza fl-10 ta' Gunju 2015 u esebita f'dawn il-proceduri bhala Dok. "E", izda hadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li rregistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri.

Ghaldaqstant wara li rat u kkunsidrat:

- L-Artikoli 31, 49, 50, 261(c) u (f), 279(a), 280(1) u 289 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti ttenni li qed issib lill-imputat hati ta' l-ewwel akkuza dedotta fil-konfront tieghu u li qed issibu recidiv ai termini tal-Ligi u ghaldaqstant tikkundannah ghall-perijodu ta' sbatax-il (17) xahar habs effettiv; u

- L-Artikolu 28B(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, ittenni li qed issib lill-imputat hati tat-tieni akkuza dedotta fil-konfront tieghu u konsegwentement tordna li s-sentenza sospiza kif trattata fil-konfront ta' l-imputat bis-sahha tas-sentenza pronuncjata minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-10 ta' Gunju 2015 fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Fisel Mofth Abusnin" tibda ssehh u b'hekk l-imputat jiskonta t-terminu ta' sena (1) prigunerija hekk imposta fuqu.

Ghall-finijiet ta' l-Artikolu 28B(4) u (5) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, kopja ta' din is-sentenza ghandha tigi komunikata lir-Registratur.

Il-Qorti tordna li ai termini ta' l-Artikolu 392A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta l-atti kollha ta' dawn il-procedimenti u kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**